# IL-MINA TA' GĦAJN DWIELI

*Kitba ta' Joe Balzan*

Il-proġett tal-baċiri fi żmien l-Ingliżi fl-1841, żgur li kien proġett li kellu jagħti nifs qawwi lill-ekonomija Maltija imma, żgur li neħħa kull identità ta' belt marittima lil Bormla. B'dan il-proġett Bormla tilfet aktar minn hekk, għax tilfet ukoll wirt artikettoniku li nsemmu aktar 'il quddiem f'din il-kitba.

Wara l-ħafna problemi biex sar l-ewwel baċir fl-1855 daħal bastiment kbir għal dak iż-żmien, bl-isem *'Himalaya'* biex isewwi xi ħsarat fil-poppa, imma minħabba t-tul tiegħu kien diffiċli biex jissewwa u sar pjan biex isiru baċiri akbar. Għalhekk ġew ippjanati l-baċiri numru 2 bl-isem *'Hamilton'*, numru 3 *'Somerset'*, numru 4 u numru 5. Dawn kollha nbnew bejn is-snin 1871 u 1905.

Biex saru dawn il-baċiri kellha tingħalaq it-triq ta' Għajn Dwieli li minnha wieħed kien jidħol Bormla min-naħa ta' Raħal Ġdid u kienet qalgħet bosta polemiċi man-nies ta' Bormla, minħabba li din it-triq kienet tagħti għal bieb San Pawl u Bieb Bormla (Bormula Gate). Żewġ dħulijet prinċipali għal Bormla li kellhom jispiċċaw. Bieb San Pawl li kien wieħed strutturament mibni sabiħ kellu jiġġarraf u Bieb Bormla kellu jiġi mbarrat minħabba l-proġett. Barra minhekk kellhom jinħattu diversi swar u partijiet oħra ta' swar fosthom is-sur ta' San Pawl u dak ta' San Franġisk. Inħattet ukoll il-kappella ta' San Franġisk minn Paola li fil-kolleġġjata tagħna għad hemm abiti sagri u anke qniepen tagħha. Kellha tinħatt Villa tal-Kavallier de Sousa wkoll.

Wara diversi polemiċi sar kuntratt fejn fih kien hemm ftehim għal tħaffir taż-żewġ mini. Ix-xogħol biex saru kien wieħed diffiċli għax il-blat mhuwiex solidu



*Il-Mina ta' Għajn Dwieli.*



*Ix-'shelter' li kien iservi bħala kappella fil-gwerra.*

biżżejjed u barra tħaffir kellhom jinbnew arkati bħala rinforz lill-istess saqaf tal-mini. Ix-xogħol fuq dawn il-mini tlesta fl-1903.

Wieħed jinnota li f'din il-mina hemm speċi ta' *shelter* li llum iservi bħala niċċa. Dan ix-*shelter* jew daħla fil-blat tul il-gwerra serva bħala kappella flok il-parroċċa. Ta' min jgħid li anke trabi ġew mgħammda hawnhekk li twieldu f'Bormla fil-gwerra (fosthom il-Kan. Vincent Balzan).

Eżatt kif wieħed jidħol il-mini u jiġi fil-bidu ta' Bormla jingħad li kien hemm it-terminus tat-Tram, waqt li fin-niżla ta' Għajn Dwieli qabel tidħol il-mini ġrat diżgrazzja li damet tissemma ħafna, li fiha mietu erbgħa min-nies u korrew tmienja u għoxrin ruħ oħra. Dan ġara meta tram ma setax jieqaf minħabba ħsara fil-brejkijiet nhar it-30 ta' Settembru 1905 fil-5.45 pm.

Illum din il-mina, minħabba restawr li sar fiha, tisħajjilha fl-istat oriġinali tagħha. Addio dik is-swidija ta' nugrufun maħluq mit-traffiku li għadda minn taħtha tul dawn l-aħħar 95 sena. Tajjeb wieħed ifakkar li l-akbar ammont ta' nies li għaddew minn taħt din il-mina f'okkażjoni waħda kien meta nġiebet l-istatwa devota ta' Marija Immakulata lura f'Bormla minn Birkirkara bil-mixi fl-1944.


# VERDALA PHARMACY

*57, BONNICI SQUARE, COSPICUA*
*TEL: 824720*

Dispensary • Surgery • Toiletries • Baby Needs
Perfumery • Costume Jewellery • Cosmetics
and Many Other Things